A.L. 162 ta' l-1989

ORDINANZA DWAR IL-FABBRIKI (KAP. 107)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fabbriki (Xogħol bil-Lejl minn Nisa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar il-Fabbriki, il-Ministru tal-Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fabbriki (Xogħol bil-Lejl minn Nisa) u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1952 dwar il-Fabbriki (Xogħol bil-Lejl minn Nisa), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 114 ta' l-1952.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu (b) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) għal kull fabbrika fejn id-Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni jkun sodisfatt li s-sistema ta' produzzjoni tinħtieġ l-impieg ta' nisa fuq aktar minn żewġ *shifts* u jkun ta l-permess tiegħu bil-miktub għall-impieg ta' nisa fuq xogħol bil-lejl f'dik il-fabbrika kif suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li jkunu jidhrulu xierqa, b'dan iżda li ebda mara ma tista' titqabbad taħdem fuq xogħol ta' bil-lejl kontra l-volontà tagħha.".